MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru. 849/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonnici)**

**vs**

**Martino Schembri ta' 44 sena, iben il-mejjet Andrea u Maria nee Bugeja, mwieled iz-Zurrieq, fit-12 ta' Novembru, 1957,**
**u joqghod fil-fond numru 7, Triq Bubaqra, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 782957 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Martino Schembri li gie akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Settembru, 2002, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta'

filghodu, minn Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex, jew mill-vicinanzi, ikkommetta serq ta’ qasrija li l-valur komplessiv taghha ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm 100), ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex, jew tal-Gvern ta’ Malta, liema serq huwa aggravat bil-hin:

(b) U talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi u fil-hin ta’ wara, xjentement, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qeq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

(c ) talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq qasrija propjeta’ tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex, jew tal-Gvern ta’Malta, liema hsara li tammonta ghall-inqas minn hamsin lira Maltin (Lm 50), saret ghad-detriment ta’ l-imsemmi Kunsill jew tal-Gvern ta’ Malta.

(d) Il-Qorti giet gentilment mitluba tikkonfiska l-vann ta’ ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni HAO-918, allegatament uzat fis-serq.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat li l-Prosekutur esebixxa l-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal tali proceduri. Rat ukoll li l-akkuzat wiegeb ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu anke wara li nghata cans jahseb fuq l-istess ammissjoni.

In vista ta’ tali ammissjoni qed issib lil Martino Schembri hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 261, 270, (tqis li l-akkuza kkontemplata fit-tieni akkuzi u cioe dik mahsuba fl-art 334 Kap 9 hija assorbita fl-ewwel akkuza) rat ukoll l-artikolu 325 (c ) tal-kap 9.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9, rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat li hija ghal kollox netta, qieset dak mistqarr mill-Ufficjal Prosekutur u cioe li l-akkuzat ikkopera mal-Pulizija dan anke wara li rat l-istqarrija minnu rilaxxata. Rat ukoll li seduta stante fis-seduta datata 5.02.03 l-akkuzat hallas id-danni kkagunati a spejjez tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex f’dan ir-rigward minhabba l-

proviso ghal artiklu 325 tal-kap 9 sa fejn jirrigwarda propjeta' tal-Gvern rat ukoll l-artikolu 31 tal-Kap 9.

Ghaldaqstant in vista tal-premess tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn mil-llum wara li rat l-art 9 tal-kap 152. Rat l-Art 23 tal-kap 9, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura esebita formalment.

--------------------------------TMIEM--------------------------------